# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 28 ta' Novembru 2024**

**Numru 11**

**Rikors Numru 171/21TA**

**Reuben Sacco (ID 106988M)**
**vs**
**Francis Zarb (ID 203665M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Reuben Sacco (L-Attur) tas-26 ta' Frar 2021 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

1. Illi r-rikorrenti ġie ingaġġat mill-intimat sabiex iwettaq diversi xogħolijiet ta' kostruzzjoni ġewwa l-fond tal-intimat li jinsab ġewwa Triq il-Feniċi, Ħal Safi;

2. Illi qabel inbdew ix-xogħolijiet, l-intimat aċċetta r-rati tax-xogħol kif proposti mir-rikorrenti liema rati huma kif indikati fil-'Price List' kif ukoll fil-kont finali li qed jiġu hawn annessi u mmarkati bħala 'Dok. A' u 'Dok. B' rispettivament;

3. Illi skond il-ftehim ta' bejn il-partijiet, l-intimat kellu jagħmel pagamenti akkont tal-prezz finali mall-prosegwiment tax-xogħolijiet;

4. Illi meta x-xogħolijiet kienu resqin lejn l-aħħar, l-intimat beda jirrifjuta mingħajr ebda raġuni valida li jħallas lir-rikorrenti għax-xogħol li kien ġie esegwit u

konsegwentement ir-rikorrenti ma kellux triq oħra ħlief li jwaqqaf ix-xogħolijiet;

5. Illi ai termini tal-kont anness, l-intimat jonqsu jħallas lir-rikorrenti s-somma ta' sebgħa u għoxrin elf, tlett mija u tlieta u tletin euro u ħamsin ċenteżmu (EUR27,333.50) rappreżentanti l-bilanċ tal-prezz għax-xogħolijiet li kienu twettqu;

6. Illi għalhekk l-intimat hu debitur tar-rikorrenti fl-ammont ta' sebgħa u għoxrin elf, tlett mija u tlieta u tletin euro u ħamsin ċenteżmu (EUR27,333.50);

7. Illi minkejja li l-intimat ġie interpellat diversi drabi sabiex iħallas dan l-ammont, inkluż b'ittra uffiċjali (hawn anness u mmarkata bħala 'Dok. Ċ'), hu baqgħa inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża;

**Jgħid għaldaqstant l-intimat għar-raġunijiet premessi u dawk li ser jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan il-każ għaliex m'għandiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni oħra talvolta meħtieġa u neċessarja:**

[1] Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat hu debitur tar-rikorrenti fl-ammont ta' sebgħa u għoxrin elf, tlett mija u tlieta u tletin euro u ħamsin ċenteżmu (EUR27,333.50) rappreżentanti l-bilanċ tal-prezz għax-xogħolijiet li twettqu mir-rikorrenti fuq struzzjonijiet tal-intimat;

[2] Konsegwentement, tikkundanna lil intimat iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' sebgħa u għoxrin elf, tlett mija u tlieta u tletin euro u ħamsin ċenteżmu (EUR27,333.50);

Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-Ittra Uffiċjali bin-numru 3982/2020 (Dok. Ċ) u l-interessi legali, kontra l-intimat li huwa minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Francis Zarb (il-konvenut) tad-9 ta' April 2021 li permezz tagħha wieġeb u eċċepixxa s-segwenti:

1. It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fil-ligi u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

2. Mhux minnu li l-eccepjent ghandu jaghti xi hlas lill-attur.

L-eccepjent hallas lill-attur pagamenti regolari matul il-kors tax-xoghol li nkarigah jaghmillu, li wara rrizulta li kienu aktar mill-hlas dovut skond il-kont ufficjali tal-Perit tal-progett.

3. L-eccepjent m'ghandu jaghti xejn lill-attur; ghall-kuntrarju, huwa l-eccepjent li ghandu jiehu lura l-hlas zejjed li lahaq ghamel.

L-eccepjent kien inkariga lill-attur b'xoghol ta' kostruzzjoni fil-fond tieghu fi Triq il-Fenici, Hal-Safi, taht id-direzzjoni tal-Perit Kurt Camilleri Burlo'.

L-eccepjent ghamel diversi pagamenti akkont bejn it-18 ta' Ottubru 2019 u t-30 ta' April 2020, izda wara nuqqas ta' qbil mal-Perit fuq il-kont mahrug minnu, l-attur abbanduna x-xoghol. Il-kuntrattur ma mexiex fuq l-istruzzjonijiet tal-Perit u ppretenda hlas ghal xoghol u materjal li ma kienx dovut u ma kienx skond l-istruzzjonijiet tal-perit Kurt Camilleri Burlo' inkarigat mill-progett.

Ghall-ahhar ta' Lulju 2020, il-bennejja tal-kuntrattur marru jzarmaw l-armar u hallew il-post ghal kollox bla ma naddfu. L-eccepjent kellu jinkariga kuntrattur iehor biex ikun jista' jlesti x-xoghol u jnaddaf il-post.

Mill-kont mahrug mill-Perit Kurt Camilleri Burlo' jirrizulta li l-eccepjent ghamel hlas zejjed. Min-naha tieghu, l-attur hareg kont differenti ghal ammont akbar. Ghalhekk, l-eccepjent mhux talli m'ghandu jaghti xejn aktar lill-attur, izda ghandu jiehu lura flus zejda li huwa lahaq hallas akkont qabel ma l-kuntrattur abbanduna x-xoghol.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Qrat u semgħet ix-xhieda tal-persuni mressqa fil-perkors ta' dawn il-proċeduri.

Qrat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

Bħala fatti dawn huma sempliċi għall-aħħar. L-Attur għamel xogħlijiet ta' kostruzzjoni fuq inkarigu tal-konvenut. Dan għamlu fuq il-prezzijiet maqbula bejn il-partijiet (a' fol 5 u 6). Dwar dan il-qbil ma hemmx kontestazzjoni. Infatti l-konvenut jgħid li huwa aċċetta r-rati tal-Attur datati l-1 ta' Settembru 2019. Dawn l-istess rati li jsemmi l-Attur fir-rikors ġuramentat tiegħu għalkemm jgħid li wkoll aċċettahom kontra l-parir tal-Perit tiegħu peress li kienu għolja (a' fol 76 para 3). Il-Perit Kurt Camilleri wkoll jikkonferma li dawn ir-rati ġew konfermati.

Waqt li kienu għaddejjin ix-xogħlijiet l-Attur għamel diversi pagamenti. F’dan ir-rigward dan jispjega li għamel is-segwenti pagamenti:

A. Fl-14 ta’ Jannar 2020 Kevin Borg tah fattura ta’ €9,440 u ħallas €8,000 akkont.

B. Ġimgħatejn wara tah fattura oħra ta’ €20,060 li minnhom ħallas €10,000 fl-20 ta’ Frar 2020.

C. Intalab iħallas €10,000 oħra fil-5 ta’ Frar 2020 u

D. €1500 fil-25 ta’ Frar 2020. Jgħid “*Li b’hekk, sal-25 ta’ Frar 2020 kont diġa’ tajtu akkont is-somma sħiħa li talabni, bil-VAT b’kollox, mingħajr ma tani ebda riċevuti fiskali* “.

E. Ġimgħa wara tah fattura oħra ta’ €11,800 u ħallasha kollha b’żewġ pagamenti wieħed fis-6 ta’ Marzu 2020 u l-ieħor fl-10 ta’ Marzu 2020. Fid-9 ta’ Marzu 2020 ngħata wkoll fattura oħra ta’ €11,800 li minnha ħallas lil Kevin Borg €10,000. Ta’ dawn il-pagamenti ma ingħatax riċevuta fiskali.

F. Apparti dawn il-ħlasijiet fuq talbiet verbali tal-Attur ħallas ukoll aktar pagamenti akkont is-somom ta’ €15,000 fil-25 ta’ Marzu 2020 u €10,000 fis-17 ta’ April 2020 u €10,000 fit-30 ta’ April 2020. Dawn għaddihom lil Kevin Borg direttament kif inkarigat mill-Attur. Ta’ dawn it-tlett pagamenti ma ingħatax riċevuta fiskali. (a’ fol 78 para 12). Għalkemm riċevuta fiskali ma ngħatatx, kif anke jixhed il-Konvenut, xi tip ta’ riċevuta kien jagħtih għas-sodisfazzjon tiegħu (a’ fol 220 tergo).

L-Attur jgħid li meta x-xogħol kien riesaq lejn l-aħħar, il-konvenut irrifjuta mingħajr ebda raġuni valida li jħallsu għax-xogħol li kien għamel u minħabba

f’hekk kellu jwaqqaf ix-xogħol. Hu jinsisti li l-bilanċ li kien għad fadallu jħallas il-konvenut kien l-ammont ta €27,333.50. Għalkemm interpellat biex iħallas dan l-ammont permezz ta’ ittra uffiċjali datata 24 ta’ Novembru 2020, il-konvenut baqa’ inadempjenti fil-ħlas. Wara li din il-Qorti ħatret Perit tagħha biex jasal għall-ammont li huwa dovut fid-dawl tad-diverġenzi, il-partijiet qablu fuq l-ammont raġġunt minn dan il-perit biex l-uniku kwistjoni pendenti hija dik tal-ħlas ta’ imgħax fuq is-somma ta’ €13,460.73 li hija dik is-somma li wasal għaliha l-Perit tal-Qorti.

**Punti ta’ liġi**

L-azzjoni hija waħda kjarament ta’ appalt. Dan huwa kuntratt ta’ natura speċjali għaliex huwa eċċezzjoni għall-prinċipju ġenerali li l-kuntratti jistgħu jinħallu bil-kunsens tal-partijiet jew b’deċiżjoni ta’ Qorti u dan għaliex il-kuntratti huma fihom infushom liġi bejn il-partijiet u għalhekk *pacta sunt servanda*.

B’dana kollu l-artikolu 1640(1) tal-Kodiċi Ċivili jippermetti li min jagħti x-xogħol jittermina l-kuntratt mingħajr rikors lejn dawn il-Qrati bil-konsegwenzi li jġib miegħu l-istess artikolu skond jekk din it-terminazzjoni tkunx għal raġuni ġusta jew le. (Ara **Sentenza tal-10 ta’ Ottubru, 2023. Fl-ismijiet Jeremy Salomone v. M&E Installations Limited, Qorti tal-Appell Superjuri**).

Fil-Kawża tal-lum ma hemmx kontestazzjoni li l-kuntratt ta’ appalt ġie tterminat.

**Konsiderazzjonijiet**

L-ammont li wasal għalih il-Perit tal-Qorti ta’ Eur 13,460.73 tħallas fil-mori tal-Kawża (a’ fol 240).

Il-Qorti mill-ewwel tiddikjara li m'għandhiex għalfejn tiddipartixxi mill-konklużjonijiet tal-perit tagħha li kien spjegattiv fir-rapport u ċar fl-eskussjoni li saritlu miż-żewġ partijiet dwar x'wasslu għal dan l-ammont bilanċjali biss li kien fadal jitħallas.

L-Attur qiegħed jinsisti, li l-imgħaxijiet fuq dan l-ammont għandhom jibdew jidekorru min-notifika tal-ittra uffiċjali suindikata u ċioe' mit-3 ta' Diċembru 2020 sal-ħlas effettiv tas-somma imsemmija (a' fol 267 para XIII tan-nota ta' osservazzjonijiet). Min-naħa tiegħu l-konvenut qiegħed jitlob li tkun miċħuda t-talba għall-imgħax (a' fol 281 para 40 tan-nota ta' osservazzjonijiet).

Li huwa ċert hu, li l-obligazzjoni prinċipali ma hiex waħda kummerċjali iżda waħda ċivili. Għalhekk kull imgħax jibda jidekorri minn dak in-nhar li d-debitur jkun interpellat biex jgħaddi għall-ħlas b'ittra ġudizzjarja (ara art 1141 tal-Kodiċi Ċivili). Fir-risposta ġuramentata tiegħu, il-konvenut jeċċepixxi li huwa m'għandu jagħti xejn lill-Attur.  Pero' fil-Kawża jgħid li skond il-Perit tiegħu baqalu jħallas €10,539.36 (a' fol 79 para 19 ara wkoll a' fol 217 tergo). Anzi, il-konvenut saħansitra jgħid, li fuq l-ammont ta' għaxart elef ewro m'hemmx kontestazzjoni u meta mistoqsi għalfejn ma ħallashomx, it-tweġiba tiegħu kienet għaliex l-Attur qatt ma talabhomlu (a' fol 222 tergo). Din ix-xhieda tikkontradixxi għal kollox ir-risposta ġuramentata tiegħu.

Iżda huwa minnu wkoll, li l-ammont mitlub mill-Attur fl-ittra uffiċjali inkwistjoni huwa d-doppju ta' dak li stabilixxa l-Perit tal-Qorti u fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2024 l-Attur iddikjara li qiegħed jirriduċi t-talbiet tiegħu għal dan l-ammont.

Meta l-Qorti kkunsidrat il-posizzjoni taż-żewġ partijiet, waslet għall-konklużjoni, li t-tnejn għandhom iwieġbu fejn si tratta l-kwistjoni tal-imgħaxijiet.

Għalkemm huwa minnu, li l-ammont li tħallas fil-mori tal-Kawża jinsab kompriż fl-ammont li jissemma' fl-ittra uffiċjali, jibqa' l-fatt, li l-ammont li kien qiegħed jintalab f'dik l-ittra kien wieħed esaġerat b'mod li ma kienx imqar joqrob lejn dak li ġie stabbilit mill-Perit tal-Qorti li huwa realment dovut. Għalhekk sa hawn, il-konvenut ma kienx mogħti indikazzjoni realistika ta' dak li tassew kien dovut biex seta' jgħaddi, b'moħħu mistrieħ, għad-depositu tal-ammont li skond hu kien dovut, għalkemm minn imkien ma jirriżulta li qatt offra dan l-ammont. Anzi bil-kuntrarju kif ser jingħad hawn taħt.

Issa fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu dan huwa l-każ ta' *illiquidis non fit mora* allura bħala prinċipju ma jiddekorrux imgħaxijiet ħlief f'ċertu sitwazzjonijiet eċċezzjonali. Il-Qorti ma tistax taqbel ma dan għaliex fir-realta' fir-rikors ġuramentat qed tintalab somma speċifika għalkemm mhux bil-fors ċerta, anke jekk aktar tard fil-Kawża din ġiet ridotta fil-verbal imsemmi.

Imma anke kieku stess, bejn dak li kien lest li jħallas il-konvenut u dak stabbilit mill-Perit tal-Qorti, ma hemmx baħar jaqsam u kien għalhekk floku li kieku l-konvenut għadda biex jiddeposita s-somma li pretenda li kellu jħallas. Waħda mill-eċċezzjonijiet għall-prinċipju *illiquidis non fit mora* hija propju ċirkostanza bħal din, għaliex fin-nuqqas ta' ħlas anke b'depositu, ikun iffisser li d-debitur ċaħħad lill-kreditur minn somma li, li kieku tħallset mill-bidu, anke in via ta' depositu, ma kinitx tagħti lok li jiddekorru imgħaxijiet.

Min-naħa l-oħra, il-konvenut, mhux biss m'għaddiex biex jiddeposita l-ammont li skond hu kien dovut, li kien joqrob lejn l-ammont realment dovut, talli jgħid li qatt ma ħallas dan l-ammont għaliex qatt ma kien mitlub, u fir-risposta tiegħu saħansitra jinnega li kien hemm xi bilanċ dovut. Il-Qorti tfakkar li depositu regolari jammonta għall-ħlas. (Ara **Sentenza tas-17 ta' Lulju, 2006 Appell Ċivili - Għawdex fl-ismijiet Saviour sive Sammy Mercieca u Angela Mercieca. Vs. Carmel sive Charlie Galea**). Issa, jekk l-ammont li kien qed jippretendi li għandu jħallas kienx jammonta għall-ħlas kieku ġie depositat stante li dak stabbilit mill-Perit tal-Qorti huwa kemm xejn akbar, dik kienet tkun kwistjoni oħra li għandha tkun ikkunsidrata.

Il-Qorti kkunsidrat, li minkejja kollox, in-notifika tal-ittra uffiċjali inkwistjoni xi effetti fil-liġi, kwantu jirrigwarda l-imgħaxijiet, bilfors kellha ta' l-inqas sa fejn jirrigwarda l-ammont li wasal għalih il-Perit tal-Qorti għaliex li kif ingħad, dan huwa dejjem kompriż fl-ammont ta' l-ittra uffiċjali.

Għalhekk wara li kkunsidrat anke l-għemil taż-żewġ partijiet kif fuq spjegat din il-Qorti hija tal-fehma li fuq l-ammont ta' €13,460.73 għandu jiddekorri imgħax mis-26 ta' Marzu 2021, minn meta ġie notifikat ir-rikors ġuramentat sa meta tħallas fil-mori tal-Kawża.

Pero' il-konvenut qiegħed jitlob ukoll lil din il-Qorti li timponi obbligu fuq l-Attur li fi żmien qasir u perentorju jikkonsenja lill-konvenut ir-riċevuta fiskali għall-ħlas sħiħ mogħti lilu għal appalt fis-somma ta' ewro €99,076.73. F'dan ir-rigward din il-Qorti għandha żewġ ostakoli. Fl-ewwel lok, ħaġa bħal din missa ingħatat bħala eċċezzjoni fil-bidu fir-risposta ġuramentata għaliex ma huwa

sewwa xejn, li din il-Qorti titrattaha meta l-Attur ma kienx mgħarraf b'din it-talba tal-konvenut. Jekk timxi mod ieħor tkun qed iċċaħħad lill-Attur minn difiża.

Fit-tieni lok, din hija kwistjoni li tesorbita l-kompetenza ta' din il-Qorti, peress li din hija materja li għandha tkun trattata mil-Kummissarju tat-Taxxa. Jekk il-konvenut iħossu aggravat minn dan in-nuqqas, jaf fejn għandu jmur jagħmel ir-rapporti opportuni biex jikseb dawn ir-riċevuti.

**Deċide**

Għaldasqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba** limitatament għall-imgħaxijiet fuq is-somma ta' tlettax -il elf, erbgħa mija u sittin ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€13,460.73) u dan b'effett mis-26 ta' Marzu 2021, sa meta sar il-pagament ta' din is-somma fil-mori tal-Kawża u konsegwentement **tilqa' it-tieni talba** u tikkundanna lill-konvenut iħallas dawn l-imgħaxijiet li qegħdin ikunu likwidati fl-ammont ta' tlett elef, mitejn u wieħed u tletin ewro (€3,231). Dawn huma kalkolati mis-26 ta' Marzu 2021, meta saret in-notifika tar-rikors ġuramentat sal-20 ta' Marzu 2024, meta sar il-pagament (a' fol 257).

Spejjes tal-Kawża jibqgħu mingħajr taxxa.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**